MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 220/2007

Il-Pulizija
(Spt. S. Micallef)
Vs
Haden Vella

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fis-7 ta’ Dicembru, 2006, ghall-habta tal-5.15 p.m., fi Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta, saq vettura numru IAB-165,

1. b’manjiera traskurata;
2. perikoluza;
3. waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura riesaq lejn “pedestrian crossing” naqas li jnaqqas l-ispeed u jieqaf waqt li kienet qed tigi uzata mill-pubbliku;
4. b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-

regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Giuseppa Busuttil skond kif iccertifika Dr. Stephen Grech M.D. ta' S.L.H.;
5. involontarjament hasar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli cioe' nuccali tal-vista liema hsara tammonta ghal mitt lira Maltin (LM100) ghad-dannu ta' Giuseppa Busuttil.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Mejju, 2007, li biha, wara li rat l-Artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65, M.V.R. 89 L.N. 94/69 u l-Artikoli 226 u 325 (1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel, it-tieni, ir-raba' w l-hames akkuza w ikkundannatu ghal multa ta' hamsin lira Maltin (LM50) u skwalifikatu milli jkollu u/jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tlett xhur, u lliberatu mit-tielet imputazzjoni peress li din kienet preskritta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta' Gunju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassaraha, tirrevoka w tannulla kwantu ghal dawk l-akkuzi fejn instabet htija w tikkonfermaha fil-bqija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat illi l-aggravji tal-appellant , fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li man-naha tat-Triq il-Kungress Ewkaristiku [RECTE :Triq il-Kostituzzjoni] , Mosta , minn fejn bdiet taqsam fuq iz-zebra crossing il-pedestrian Giuseppa Busuttil, kien hemm hafna karozzi pparkjati w dawn ostakolaw il-vizwali tal-appellant ghax l-ewwel kwart tal-wisgha tal-pedestrian crossing kien ostakolat minn dawn il-vetturi. Ghalhekk hu qatt ma seta' jara lill-mara taqsam. Kif appena lemaha qed taqsam hu applika l-brakes izda l-karozza baqghet titkaxkar u laqtet lill Busuttil. Li mhux possibbli li kien hemm brake marks ta' tnax il-metru kif indikat l-Ewwel Qorti. Dan l-izball fl-apprezzament tal-provi wassal lill-Ewwel Qorti ghall-konkluzzjoni zbaljata li

l-appellant kien isuq bi speed , b' mod perikoluz u traskurat . Imma l-incident sehh biss ghax l-appellant sab lill-pedestrrian ma wiccu ghaliex ma setax jarha taqsam fl-ewwel parti taz-zebra crossing u ghalhekk ma kellux htija.

Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tal-5 ta' Lulju, 2007.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-5 ta' Lulju, 2007 li bih l-appellant iddikjara li ma
jikkontestax in-natura gravi tal-offizi sofferti minn Giuseppa Busuttil.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Li l-provi mismugha mill-gdid jistghu jigu riassunti bil-mod kif gej :-

GIUSEPPA BUSUTTIL xehdet li fis-7 ta' Dicembru, 2006, kienet ser taqsam Triq il-Kostituzzjoni quddiem ta' Natu Supermarket lejn id-direzzjoni ta' Casa Arkati. Ghamlet hames passi fuq iz-zebra crossing w intlaqtet minn car li kienet
gejja minn-naha tal-Knisja. Kull ma kienet rat qabel kienet car wieqfa fil-kantuniera. Qabel id-daqqa ma semghet xejn.
Rat id-dawl u poggiet idha fuq il-fanal tal-car u semghet hoss u giet f' sensijha meta kienet fl-art. Inkisrilha n-nuccali fl-incident li kienet xtratu LM140 u kellha tixtri iehor li qam LM108.

In kontro-ezami qalet li kien hemm cars ipparkjati fuq in-naha taghha imma mhux double parked kif gie suggerit lilha.

Mill-Affidavit ta' PS 664 J. XERRI (fol. 7) jirrizulta li fid-data imsemmija ghall-xil-17.15 pm., il-Pulizija kienet giet infurmata li kienet ittajret mara fuq iz-zebra crossing in kwistjoni go Triq il-Kostituzzjoni. Ghalhekk hu mar fuq il-post u sab lil Giuseppa Busuttil li kienet sfat imtajjra minn

vettura numru IAB 165 Hyundai li rrizultalu li kienet qed tinsaq mill-appellant. Dan kien qallu li hu kien sejjer lejn San Pawl il-Bahar meta minn faccata giet vettura ohra bil-bright jixghel u ghamietu u kien dak il-hin li ra lil xi hadd jaqsam. Hu ipprova jevita u beda ukoll izomm il-brakes. Qal ukol li dak il-hin kien hemm vettura ohra ipparkjata double parking hdejn iz-zebra crossing u kien ghalhekk li hu gibed lejn nofs it-triq.

Giueseppa Busuttil kienet ittiehdet l-Isptar bl-ambulanza u giet certifikata li kienet qed issofri minn feriti ta' natura gravi konsistenti fi ksur. L-imsemmija zebra crossing ma ghandhiex spot lights u lanqas ma ghandha pelican lights homor ghal bil-lejl.

L-ghada, meta kellimha l-isptar, Giuseppa Busuttil kienet qaltlu li kienet qed taqsam fuq iz-zebra crossing u kif rat li ma kien gej hadd , bdiet taqsam meta f' daqqa wahda semghet brake u giet karozza w tajjritha. Kien inkisrilha n-nuccali tal-vista li qam madwar LM100.

Mic-certifikat mediku esebit rilaxxjat minn Dr. Stephen Grech jirrizulta li Busuttil
kellha ksur tat-tibia u fibula tal-lemin u xi abrazjonijiet superfcjali fuq mohha u
tbengil fuq l-orbit tal-ghajn tal-istess naha.

Mill-isketch esebit (fol. 6) jirrizulta li wara l-vettura tal-appellant kien hemm brake
marks parallelli w fid-dritt twal tnax il-metru u nofs (12.5 mt) li kienu jibdew minn
'l isfel miz-zebra crossing u jghaddu kompletament minn fuq iz-zebra crossing.
Il-car jidher li waqfet bil-wara taghha kemm, kemm il fuq miz-zebra crossing u
Busuttil instabet metru w nofs il-quddiem mill-bonnet tal-car. Max-xellug kien
hemm cars ipparkjati "fishbone" u l-sketch jindika wkoll "imaginary parked vehicle
as stated by driver" il barra minn dawn il-cars imsemmija.

L-APPELLANT xehed li kien tiela minn-naha tal-knisja tal-Mosta imma minn xi zewg
kantunieri 'l isfel. Kien startja u beda' tiela 'l fuq. Kien hemm hafna nies jaqsmu w
cars ipparkjati fuq in-naha tieghu anki kif mhux suppost. Il-pedestrian hasditu. Il-brake
mark ma kienx twil 12 il-metru imma 12 il-pied. Hu mechanic. Kien dalam. Ma jafx
b' liema speed kien ghaddej. Il-pedestrian kienet fuq iz-zebra cossing.

Ikkonsidrat;

Illi minn dawn il-provi jidher assodat li l-incident in ezami gara meta Giuseppa Busuttil
kienet qed taqsam Constitution Street, Mosta, fuq il-pedestrian crossing, mix-xellug
ghall-lemin tal-appellant u li minnkejja li dan , meta raha, ipprova jwaqqaf il-vettura
hesrem, ma rmexxilux , bil-konsegwenza li tajjar lil Busuttil u kkagunalha feriti ta' natura
gravi w hsara fin-nuccali tal-vista.

Jigi rilevat li kuntrarjament ghal dak li jintqal fic-citazzjoni u li gie riprodott fis-sentenza
appellata u fir-rikors tal-appell tal-appellant, l-incident awtomobilistiku in ezami ma
garax go Eucharistic Congress Road , Mosta, imma go Triq il-Kostituzzjoni fl-istess

belt. Dawn iz-zewg toroq huma l-arterja principali li tittraversa l-Mosta . Eucharistic
Congress Road hija il-bicca li minn naha ta' Hal-Lija tasal sal-knisja parrokkjali
mentri Constitution Street hija l-bicca li mil-Knisja titla' ghal Targa Gap. Illi ma
hemm ebda aggravju dwar dan l-izball u f' kull kaz dan ma jimportax la n-nullita'
tac-citazzjoni u lanqas dik tas-sentenza appellata, ghaliex l-appellant kien jaf ben tajjeb
ta' liema incident awtomobilistiku kien qed jigi akkuzat u fil-fatt kien fi grad li

jiddefendi ruhu dwaru xorta wahda, kif fil-fatt ghamel. Ghalhekk wiehed ghandu jghaddi
issa biex jezamina l-aggravji tal-appellant li jirrigwardaw il-htija o meno tieghu
ghall-incident stradali in ezami.

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta , jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' *"Degree*". (App.Krim. **Pul. vs. Charles Bartolo** 14.3.59 **; Pul. vs. Wilson,** Vol. XXXIX p. 1018 **u Pul. vs. Alfred Vella,** Vol. XLIV ; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. **Pul. vs. Hardingham** , [19.10.1963]) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' *"recklessness*" (App. Krim. **Pul. vs. Charles Farrugia** XXXIX p. 1018.) "*Recklessness*" giet defenita bhala *"wilfully shutting one's eye* ".(App. Krim. **Pul. vs. Joseph Aquilina** , [20.4.1963]). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. vs. Antonio Spiteri** , Vol. XLIV , p.892)

Illi gie ukoll ritenut fl-Appell Kriminali : **"The Police vs. Gunner Brian Wilson**" [7.5.1955] li :-

*"It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving."* (ara ukoll f' dan is-sens : App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Manwel Mallia"** [9.3.1959] u "**Il-Pulizija vs. Charles Bartolo** " [14.3.1959] (Kollez. Vol. XLIII p. 1001 u p. 1016 , rispettivament)

Umbaghad fl-Appell Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes”**
( [3.5.1953] Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108) gie ritenut li ;-
*“sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta’ normi regolamentari .”*

*“Biex jintegra ruhu r-reat ta’ sewqan perikoluz jehtieg mod ta’ sewqan li juri certu grad ta’ recklessness u non-kuranza tali li jigi krejat perikolu u mhux bizzejjed li fil-kaz partikolari kien hemm potenzjalita’ ta’ perikolu.”* (ara. App. Krim. “Il-Pulizija vs. Charles Farrugia” [5.3.1955] Vol. XXXIX, iv. p.978)

Insomma kif gie ritenut fl-appelli kriminali ta’ **Mallia** u **Bartolo** fuq citati “*kriterju facli bejn sewqan negligenti w sewqan perikoluz ma hux facli li jigi stabilit, kif lanqas wiehed ma jista’ jaghti definizzjoni preciza ta’ sewqan perikoluz. Il-kwistjoni hija kollha wahda ta’ “degree” u kull kaz ghandu l-fattispecji tieghu.”*

Illi skond ir-regolament 89 tar-Regolamenti tal-1994 Dwar il-Vetturi bil-Mutur, "…meta triq tkun immarkata b' linji bojod paralleli jew b' sinjali ohra biex juru post ta' qsim ghall-uzu ta' nies bil-pass, il-vetturi kolha li jkunu qed jersqu lejn dak il-post ghandhom imexxu bil-mod u , jekk ikun hemm bzonn, ghandhom jieqfu, biex ihallu lin-nies bil-pass jaqsmu dak il-post ta' qsim, u ma ghandhom f' ebda kaz jaqsmu l-passagg ta' xi nies bil-pass li jkunu qed juzaw dak il-post ta' qsim."

Umbaghad il-paragrafu 124 ta' "The Highway Code" jirrakkomanda li :-

"When approaching a PEDESTRIAN CROSSING always be ready to slow down or to stop so as to give way to pedestrians; give them the right of way on these crossings...."

U l-paragrafu 128 jghid :-

"Most pedestrians killed or seriously injured are either under 15 or over 60. The young and the elderly may not judge speeds very well and may step into the road when you do not expect them."

Issa fil-kaz in ezami l-appellant kien riesaq lejn pedestrian crossing fejn seta' jobsor li jkun hemm xi persuna ser tipprova taqsam u li biex taghmel dan trid bil-fors tixref minn wara l-vetturi pparkjati max-xellug li kien hemm fit-triq il quddiem minnu fil-vicinanza taz-zebra crossing. Dan kien altru milli prevedibbli. Pero' minnflok qaghad attent li jipprocedi b' kawtela, l-appellant avvicina dan il-pedestrian crossing b' certu speed. Gie ritenut mill-Qrati taghna li speed jista' jigi dedott minn brake marks (App. Krim. "Il-Pulzija vs. A.I.C. A. Mortimer"  Kollez. Vol. XL, p.iv. p.1282) u l-brake marks twal 12.5 metru  (cirka erbghin pied) jindikaw velocita' vicin dik ta' 45 kfs. (ara tavola sinottika a fol-56 ta' "THE HIGHWAY CODE"). Hu minnu li issa l-appellant qed jallega li l-sketch hu hazin ghax hu tnax il-pied brake marks kellu wara l-car tieghu. Pero' din il-Qorti tara li f' dan l-appellant ftit hu attendibbli. Ibda biex minn hafna zmien ' l hawn u cioe' minn meta Malta qalbet ghas-sistema metrika, l-ufficjali tal-Pulizija dejjem jaghtu l-kejl f' metri u centimetri. Umbaghad mill-isketch innifsu jidher li l-brake marks bdew ferm  'l isfel mill-linji tal-pedestrian crossing u addirittura oltrepassaw il-wisgha tal-istess crossing li normalment tkun ta' xi  3 metri (9-10 piedi).  Inoltre l-appellant ma hax il-briga li javza lill-Kummissarju tal-Pulizija skond l-art. 360A tal-Kodici Kriminali biex is-Surgent Xerri jidher il-Qorti ghal-kontro-ezami fuq dan il-punt hekk importanti. Ghalhekk din il-Qorti ma ghandix raguni biex tiskarta il-prova li tohrog mill-isketch u toqghod fuq dak li issa qed jallega l-appellant. Del resto, l-appellant mistoqsi xi speed kellu qabel ma hass il-htiega li jibbrejkja, qal li ma jafx.

Illi mbaghad gie ukoll ritenut li : "*speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix  il-limiti  regolamentari ghal dik il-lokalita' izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza  u  mill-fatturi ambjentali tal-mument.*" (App. Krim. **"Pul. vs. R. Bugeja"**  [30.6.1962] ).  Jidher li f'dan il-kaz l-speed tal-vettura misjuqa mill-appellant  kien oghola minn dak li kien

jippermettilu li jwaqqaf il-car tieghu tempestivament f’ kaz ta’ bzonn minghajr ma jinvesti xi pedestrian li hu facilment seta' jipprevedi li jkun jew tkun qed taqsam fuq iz-zebra crossing minn wara l-vetturi pparkjati.

Dan il-fattur tal-ispeed, ghalkemm forsi ma jeccedix dak regolamentari ta' 50kfs
ghall-lokalita' kien certament fattur determinanti tal-incident u kien jirrendi s-sewqan
tieghu meta qed javvicina pedestrian crossing fejn kellu l-vizwali tieghu
ostakolata bhala sewqan ta' x' jimpurtani li jirrendieh kemm negligenti kif ukoll perikoluz.

Ikkonsidrat ukoll ;

Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li “Hu dover ta’ “driver to see what is in plain view”.
(App. Krim. Pol. vs. Joseph Vella - [10.8.1963] ) u li “min ma jarax dak li ragonevolment
ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm “a proper lookout” (Appell Kriminali :
“Il-Pulizija vs. J.M. Laferla , [17.6.1961] ). "Keeping a proper lookout means more
than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in
one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side
to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements
on the side of the road as well." (Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd." [1968].

Illi l-appellant, ghalkemm mhux qed isemmiha espressament, donnu jidher li qed jirrikorri ghad-difiza tas-“*sudden emergency*” ghax qal li l-pedestrian hasditu. Issa pero’, kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera”** [13.12.68] :

*“Driver ma jistax jissolleva b’success id-difiza tas-”sudden emrgency” meta l-emergenza jkun holoqha hu.”*

Gie ukoll ritenut li : "Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li
jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu
jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga
ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver
jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att
inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni
li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment."
( App. Krim. "Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud" [26.6.1954] Kollez.
Vol. XXXVIII, p.iv. p.859)

"Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih , dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian ." (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Alfred Caruana" [14.5.1955]; Kollez. Vol. XXXIX, p.iv p.1031).

"Huwa veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali imma biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu , jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta'

komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b' margini sufficienti ta' sikuezza." (App. Krim. "Il-Pulizija vs. George Muscat" [6.5.1961] Kollez. Vol. XLV p.iv. 947)

Gie ukoll ritenut li "ghalkemm il-pedestrian ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam.." "Jekk il-pedestrian ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-driver tal-car milli juza dak il-grad ta' 'reasonable care' li tinhtieg. Dana kollu jinghid dejjem sakemm ma tkunx giet mill-pedestrian krejata lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragionevolment possibbli, azzjoni tempestiva evaziva." (App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Formosa" Kollez. XLIII, p.iv. p.1023). F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha ; eg. "meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat" (App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Thornton" Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza ." (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Cassar Desain" Kolloz. Vo. XLVI . p.iv. p.765).

Il-Corte di Cassazione Taljana , meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabiliet li f' kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet :-

a) "che il-conducente , per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistara il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;
b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;

c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."

Ikkonsidrat;

Kif gja intqal, l-appellant kien qed javvicina "pedestrian crossing" minn fejn facilment seta jipprevedi li qed jew ser jaqsmu n-nies li setghu ikunu ma jidhrux minnhabba l-cars ipparkati mall-gemb fuq in-naha tax-xellug tieghu. Kien ghalhekk jinkombi fuqu li jipprocedi b' kawtela biex, f' kaz li jixref xi pedestrian minn wara dawn il-vetturi , hu jkun jista' jieqaf hesrem. Minnflok jidher li hu kien ghaddej b' velocita' oghola minn dik detata mill-fatturi ambjentali tal-lokalita' u tal-mument, skond ma jista' jigi dedott mill-"brake marks" li halliet warajha l-car tieghu. Jekk mat-tul ta' dawn il-brake marks wiehed umbaghad izid it-"thinking distance" li necessarjamnent ipprecediet l-ghafsa tal-brake, jigi li mhux attendibbli l-appellant meta jghid li l-pedestrian hasditu ghax hu jigi li bil-fors kien raha meta kien ghadu certa distanza (madwar 20 metru jew ftit aktar) 'l boghod mill-post fejn kienet qed taqsam Busuttil u li allura kieku kien qed isuq bi speed dettat mill-fatturi ambjentali tal-mument, kien jilhaq jieqaf "short of" u qabel ma jinvesti lill-pedestrian.

Illi fir-rizoluzzjoni ta’ responsabbilta’ naxxenti minn incidenti awtomobilistici, ghandu dejjem jigi ezaminat x’ kienet il-kawza prossima tas-sinistru (App.Krim. **“Il-Pulizija vs. Emmanuele Grixti**” (Kollez.Vol.XXXVII, iv. p.1217) u sabiex ikun hemm responsabbilta’ ghall-kollizzjoni jinhtieg li jkun hemm <u>nexus</u> fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni. (App.Krim**.”Il-Pulizija v. Nazzareno Micallef”** [3.12.1960].) Ghalhekk is-sewqan tal-appellant qabel l-incident kien indubbjament il-kawza prossima tas-sinistru.

Ikkonsidrat;

Illi anki kieku l-pedestrian forsi ma esploratx sew it-triq qabel kompliet taqsam fuq il-pedestrian crossing u wara li emergiet minn wara l-cars ipparkjati, dan ma jezonerax

lis-sewwieq mill-obbligi tieghu. Dan ghaliex - apparti mill-fatt li fuq il-pedestrian crossing hi kellha tinghata precedenza mill-awtista - f' sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort da parti tal-pedestrian f' dan il-kaz. (Ara Appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs.Gaetano Schembri"** [16.3.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Polidano**"[3.11.1963] **"Il-Pulizija vs. Rev. C.Mifsud"**(Kollez.Vol.XXXVIII;,iv.p.1131) u ohrajn.). Fi kliem iehor, il-*"contributory negligence*" ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App.Krim."**Il-Pulizija, vs. P.Vassallo",** [Kollez.Vol.XXXVII,iv.p.883]). Umbaghad jekk stess kien hemm xi negligenza kontributorja da parti tal-pedestrian, Giuseppa Busuttil – li din il-Qorti ma ssibx li jirrizulta – dan seta' biss, ghal massimu, serva ghall-attenwazzjoni fil-piena u xejn aktar.

Ikkonsidrat;

Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li mill-assjem tal-provi, kemm diretti kif ukoll cirkostanzjali, l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal biex tikkonkludi li l-appellant kien hati tal-imputazzjonijiet kollha li taghhom sabitu hati..

Illi ma sar ebda appell dwar il-piena "ut sic" u f' kull kaz din tidher li hija entro l-parametri tal-ligi w certament ma hix wahda manifestament esagerata. Anzi fic-cirkostanzi, kemm il-multa kif il-periodu tas-sospernsjoni w skwalifika mill-licenzi tas-sewqan jew jirrazentaw il-minimu jew huma fil-minimu possibbli rispettivament.

Ghalhekk l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata konfermata. Pero' biss ghall-precizjoni jinghid li l-incident awtomoibilistiku in ezami gara go Triq il-Kostituzzjoni, Mosta u mhux Eucharistic Congress Road. Il-periodu tas-sospensjoni tal-licenzja jibda ghaddej min-nofs il-lejl u minuta tal-lejla 12/13 ta' Lulju, 2007.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------